MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 16/2008

Judith Nicola Cordina magħrufa bħala
Nicola Cordina .

vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex).

Il-Qorti,

Wara li rat ir-rikors ġuramentat ta’ Judith Nicola Cordina illi permezz tiegħu wara li ppremettiet illi:

1. Illi fl-Att tat-Twelid tagħha bin-numru progressiv numru mija u sitta (106) maħruġ fil-elf disa’ mija u disgħa u tmenin (1989) fil-kolonna intestata ‘*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa’* hija ngħatat l-ismijiet Judith Nicola;

2. Illi effettivament hija dejjem ġiet konsistentement imsejħa minflok bl-ismijiet li jidhru fl-

imsemmi Att tat-Twelid tagħha, bl-isem ta’ Nicola Cordina biss; u huwa b’dan l-aħħar isem biss li hija magħrufa fil-ħajja ċivili;

3. Illi hija trid li l-isem fl-att tat-twelid jikkonforma ma’ l-isem li dejjem ġiet magħrufa bih.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti;

1. Tiddikjara li l-isem tar-rikorrenti huwa ‘Nicola’ u mhux ‘Judith Nicola’.

2. Konsegwentament tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-istess rikorrenti, ċertifikat numru 106/1989 billi fil-kolonna ‘*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa’* jitneħħa l-isem ‘Judith Nicola’ u jiġi sostitwit bl-isem ‘Nicola’.

Bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni illi għaliha minn issa qed jiġi nġunt.

Rat id-dokument anness ma’ l-istess rikors, u ċioe’ d-dokument JD 1, li huwa kopja sħiħa ta’ l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti,

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, illi eċċepixxa,

1. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi ruħu għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-salv ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjur fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat ukoll ir-rikors tar-rikorrenti Cordina, ta’ l-24 ta’ Ottubru, 2008, illi permezz tiegħu talbet li tipproċedi b’din il-kawża permezz ta’ l-għajnuna legali.

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Ottubru, 2008, li permezz tiegħu laqgħet din it-talba.

Il-Qorti, tiddeċidi din il-kawża billi jidħrilha li t-talbiet attriċi huma ġustifikati, billi tilqa’ l-istess talbiet, u,

1. Tiddikjara li l-isem tar-rikorrenti huwa ‘Nicola’ u mhux ‘Judith Nicola’.
2. Konsegwentament tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-istess rikorrenti, ċertifikat numru 106/1989 billi fil-kolonna ‘*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa’* jitneħħa l-isem ‘Judith Nicola’ u jiġi sostitwit bl-isem ‘Nicola’.

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------